TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Francis Galea**

**vs**

**Raymond Buhagiar ghan-nom ta' Buhagiar Motors**

CCT 64/23/CC

Illum 8 ta' Ottubru 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fl-14 ta' April 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €2,500 (elfejn u hames mitt ewro) rapprezentanti ammont imhallas mir-rikorrenti ghal mutur 'Junak Vintage', li inxtara minghand 'Buhagiar Motors' f'Novembru tas-sena 2021.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta relattiva, fejn preliminarjament, gew eccepiti diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari.

Inoltre, jirrizulta li in vista ta' l-eccezzjonijiet preliminari sollevati, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2019, it-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi. Fis-seduta sussegwenti, datata 28 ta' Novembru 2023 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju, b'dan li l-intimat gie korrett ghal 'Raymond Buhagiar ghan-nom ta' Buhagiar Motors'. In vista ta' dan, l-intimat ipprezenta risposta relattiva fejn gew sollevati diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari.

Illi inoltre, l-intimat avvanza diversi eccezzjonijiet ulterjuri li jirrigwardaw il-mertu, li mhux ser jigu riprodotti f'dan l-istadju, u dan sabiex jigu determinati l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimat.

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2024 r-rikorrenti u l-intimat ddeponew *viva voce* u entrambi l-partijiet iddikjaraw li kkonkludew il-provi taghhom, u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi preliminarjament ghandha tigi ttrattata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill- intimat. L-intimat qieghed jibbaza l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu fuq l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 378 tal-Ligjiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:

> *(1) It-Tribunal jaqta l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità:*
> *Iżda kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi:*
> *Iżda wkoll meta jiġu determinati kwistjonijiet f'tilwim li jikkonċerna dannu mġarrab mill-konsumaturi li jirriżulta minn prattiċi kummerċjali mhux ġusti, it-tribunal għandu jordna rimedji proporzjonati u effettivi, inkluż kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur u, fejn rilevanti, tnaqqis fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt; b'kont meħud ukoll, fejn xieraq, tal-gravità u n-natura tal-prattika kummerċjali mhux ġusta, id-dannu mġarrab mill-konsumatur u ċirkostanzi oħra rilevanti.*
>
> *(2) Tribunal jista', meta jaqta l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu, jordna lill-kummerċjant iħallas lill- konsumatur ammont li ma jkunx inqas minn ħamsa u tletin euro (€35) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500) bħala danni morali għal kull ħsara, deni, ansejtà u inkonvenjenza.*

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, ma jirrizultawx provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Ma hemm l-ebda dubbju li l-vertenza prezenti tirrelata tilwima bejn kummercjant u konsumatur, u ghalhekk dan it-Tribunal huwa kompetenti sabiex jiddeciedi tali vertenza.

Illi t-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-intimat hija ai termini ta' l-Artikolu 1431 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:

> *(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li r-rikorrent xtara l-mutur f'Novembru 2021. Permezz ta' din il-kawza huwa qieghed jitlob l-ammont kollu lura li huwa hallas ta' €2,500 (elfejn u hames mitt ewro). In-natura ta' din l-azzjoni hija in linea mal-principji ta' l-actio redibitorja. Illi mill-provi prodotti mir-rikorenti, ma jidhirx li huwa ha azzjoni fit-terminu stipulat mill-Ligi ai termini ta' l-artikolu 1431 (1) kif sollevat mill-intimat, u cioe *'ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.'*

Illi t-Tribunal jinnota ulterjorment li l-ittra legali annessa ma' l-avviz pprezentata mir-rikorrenti stess, hija datata 6 ta' Frar 2023, u cioe sena u tlett xhur wara li nxtara l-mutur, ferm wara t-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit fl-Artikolu 1431 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevat mill-intimat.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda avvanzata mir-rikorrenti fid-dawl tat-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat. Illi huwa evidentement car li r-rikorrenti halla t-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit mill-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 1431 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddekorri, u ghalhekk, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, timmerita konferma u ghandha tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 1431 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat u jichad it-Talba avvanzata mir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888